**20 ta' Novembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Oscar Magri

*versus*

Malta Football Association

## Smigħ Xieraq - Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali - Aċċess għall-Qorti

*Ir-rikorrent aġixxa għaliex ilmenta illi ġie sospiż mill-Assoċjazjoni tal-Futbol għaliex eżerċita azzjoni ċivili meta l-istat kien jipprovdi għall-prekunsens preventiv ta' l-Assoċjazzjoni u allura ġie miċħud minn aċċess jew mid-dritt li jadixxi Qorti.*

*Ir-rikors ġie miċħud għaliex il-Qorti rriteniet illi jekk ir-rikorrenti jrid jikkontesta s-sospensjoni tiegħu, deċiża mill-Bord imsemmi, kif ingħad, huwa jista' jirrikorri lejn il-Qorti biex jitlob rimedju. Anke jekk, meta jiddeċidi li jidher quddiem l-istess Bord, huwa jiġi dixxiplinat, huwa jkun jista' jagħmel dan ukoll.*

*Konsegwenza ta' din is-sindikabbilità tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina, mhux il-każ li r-rikorrenti jingħata, kif qiegħed jitlob, rimedju biex ma jkunx hemm ksur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, għaliex huwa jista' jitlob rimedju mill-Qorti Ordinarja għal kull eventwali deċiżjoni li tista' tittieħed fil-konfront tiegħu mill-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina ta' l-Assoċjazzjoni intimata.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippreżentat fit-8 ta' Awissu, 1997, li bih ir-rikorrenti, wara li ppremetta:

Illi huwa għandu ftehim kontrattwali maż-Żurrieq Football Club li bih huwa ġie rreġistrat bħala *professional player*, bi qligħ ma' l-istess Club tal-futbol;

Illi, in forza ta' dak il-ftehim, huwa kien kreditur ta' l-istess Club għas-somma ta' Lm1210;

Illi, stante li d-debitur kien inadempjenti, huwa istitwixxa kawża għall-kanonizzazzjoni bil-kreditu tiegħu, liema każ ġie deċiż favur tiegħu b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' April, 1997;

Illi, fil-31 ta' Mejju, 1997, l-Assoċjazzjoni ntimata istitwiet proċeduri kontra tiegħu talli "għamilt kawża fil-Qorti kontra Club membru mingħajr il-permess tal-Kunsill ta' l-M.F.A., bil-ksur tar-*Rule 166* ta' l-Istatut;

Illi, fis-6 ta' Ġunju, 1997, huwa ġie nfurmat illi l-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina ta' l-MFA ddeċieda li huwa jiġi sospiż minn kull attività ta' futbol skond *Rule* 166 (IV) u dan sakemm huwa jidher quddiem il-Bord;

Illi *Rule* 166 (IV) tgħid illi: "*no person who in any manner whatsoever falls under the jurisdiction of the Association may initiate any legal proceedings on matters relating to football or arising therefrom or connected therewith, without the preventive permission of the Council*";

Illi r-*Rule* 166 (II) tgħid illi "*offenders against this rule shall cease to belong to this association*";

Illi, huwa għalhekk qiegħed jiġi minaċċjat illi jitlef l-istat tiegħu ta' *footballer* professjonali għaliex eżerċita d-dritt fondamentali tiegħu li jadixxi l-Qrati liberament, għat-tutela tad-drittijiet ċivili u kontrattwali tiegħu;

Illi t-telf ta' l-istat professjonali komminat mir-*Rule* 166 jimporta għalih it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' servizzi bi qligħ li għandu mal-Club taż-Żurrieq, u l-impossibbilità li qatt jerġa' jidħol f'kuntratt ta' servizzi bi qligħ ma' entitajiet oħra;

Illi jekk id-dritt għall-aċċess għall-Qorti, għall-adempiment t'obbligazzjoni ċivili huwa dipendenti mill-volontà (arbitrarja u mhux soġġetta għal *judicial review*) ta' terzi, allura huwa m'għandux dritt t'aċċess għall-Qorti u dana bi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi l-istess jingħad jekk l-esponent jiġi penalizzat jekk, jew talli, jeżerċita dak id-dritt ċivili;

Illi, inoltre, in-nuqqas li jingħata rimedju għall-ksur tad-drittijiet tiegħu, jagħti lok 'il quddiem għall-ksur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt fondamentali għal rimedju f'każ ta' drittijiet fondamentali;

Talab umilment għaldaqstant li din il-Qorti jogħġobha tagħtih dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa biex jitwettqu d-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom billi tiddikjara r-*Rule* 166 (IV) nulla u bla ebda effett; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-assoċjazzjoni ntimata li biha esponiet:

Fl-ewwel lok, il-fatti kif riportati fir-rikors mhumiex preċiżi, ir-*rule* 166 (II) ma hija bl-ebda mod applikabbli għall-każ in eżami. Applikabbli huma regoli oħra. Fil-każ preżenti r-rikorrent kien ġie msejjaħ biex jidher quddiem Bord ta' l-Assoċjazzjoni ntimata *billi beda proċeduri fil-Qrati mingħajr ma* qabel ġab il-materja a konjizzjoni ta' l-organi kompetenti ta' l-Assoċjazzjoni. F'dawn il-każi, l-Assoċjazzjoni għandha poter timponi dawk is-sanzjonijiet dixxiplinari li jidhrilha, fosthom anke t-tkeċċija; però s'issa l-Assoċjazzjoni għadha ma mponiet l-ebda pass dixxiplinari minħabba l-proċeduri ċivili li beda r-rikorrent u tkeċċija tiegħu mill-Assoċjazzjoni hija għal issa, għal kollox fir-relm ta' l-ipotesi. Ir-rikorrent msejjaħ li jidher quddiem il-Bord ta' l-Assoċjazzjoni, naqas li jidher; kien għalhekk, *minħabba n-nuqqas ta' komparsa tiegħu, li l-*Assoċjazzjoni pproċediet biex tissospendih;

Fit-tieni lok, l-Assoċjazzjoni mhix enti governattiv imma hija *assoċjazzjoni* ħielsa, *bir-regoli* tagħha *magħmula* liberament mill-membri tagħha stess. Għalhekk l-Assoċjazzjoni ma għandhiex *locus standi in giudizio* u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

Fit-tielet lok, ma hemm xejn fir-regoli ta' l-Assoċjazzjoni li jikser id-drittijiet fondamentali ta' l-assoċjati tagħha. Id-dritt li r-rikorrent ifittex fil-qrati għal dawk li huma d-drittijiet tiegħu ma'huwa b'ebda mod menomat jew imneħħi. Del resto, kien ir-rikorrent stess li liberament aċċetta, meta għażel li jifforma parti

mill-Assoċjazzjoni, li joqgħod għar-regoli tagħha. Dawn ir-regoli *huma ntiżi biex iżommu l-isport* tal-futbol barra l-Qorti (u) b'hekk jeżaltaw l-element sportiv fin-natura ta' l-*Assoċjazzjoni. L-Assoċjazzjoni għandha l*-organi kompetenti tagħha biex jiġu rranġati l-kwistjonijiet li jinqalgħu fi ħdan l-Assoċjazzjoni u ma kien hemm xejn li jżomm lir-rikorrent li juża dawk il-mezzi. F'tali arranġamenti ċertament li ma hemm xejn vjolattiv tad-drittijiet fondamentali ta' l-individwu; tant *huwa hekk, li l-istess regola hija riflessa sia fl-istatuti ta' l-*assoċjazzjoni nternazzjonali, ċjoè l-FIFA, kif ukoll f'dawk ta' diversi pajjiżi oħrajn tad-dinja, Ewropew u oħrajn;

Fir-raba' lok, l-azzjoni ntentata mir-rikorrent tilledi l-libertà ta' assoċjazzjoni tal-membri l-oħra ta' l-istess Assoċjazzjoni, li huma liberi li jassoċjaw ruħhom f'dik il-forma u b'dawk *ir-regoli li jidħrilhom li l-*aktar *jikkonvjenulhom.* Ir-rikorrent qiegħed jipprova b'din l-azzjoni jaltera r-regoli ta' l-Assoċjazzjoni meta biex sar membru huwa bilfors aċċetta li joqgħod għal dawk l-istess regoli;

Għalhekk l-istess Assoċjazzjoni ssottomettiet li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti (fol. 32);

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-Assoċjazzjoni ntimata (fol. 53);

Rat l-atti l-oħra tar-rikors;

*Eżaminat id-deposizzjonijiet;*

Ikkunsidrat:

Li l-fatti li taw lok għal din il-proċedura huma brevement is-segwenti: ir-rikorrenti huwa *player* tal-Futbol professjonali u jinsab reġistrat bħala tali maż-"Żurrieq Football Club". Ir-*Registration Form* relattiva tinsab esebita bħala dok. K1 (fol. 11) u hija ddatata 18 ta' Novembru, 1992;

Jirriżulta li r-rikorrenti kellu jieħu mingħand iż-Żurrieq Football Club is-somma ta' elf u mitejn u għaxar liri (Lm1,210.00) rappreżentanti ħlasijiet dovuti lilu. Ġara li l-imsemmi Club baqa' ma ħallsux dan l-ammont u, allura, ir-rikorrenti istitwixxa kawża għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu u din ġiet deċiża, b'eżitu favorevoli għalih, fis-7 ta' April, 1997;

Fil-31 ta' Mejju, 1997, is-Segretarju Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni intimata kiteb lir-rikorrenti (ara ittra esebita a fol. 27) u talbu jidher quddiem il-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina fis-seduta li kellha ssir Nhar il-Ħamis, 5 ta' Ġunju, 1997, fis-6.45 p.m., sabiex iwieġeb għall-akkuża miġjuba kontra tiegħu li għamel kawża fil-Qorti kontra Club Membru mingħajr il-permess ta' l-istess Assoċjazzjoni bi ksur tar-*rule* 166 ta' l-Istatut;

Ir-rikorrenti baqa' ma attendiex għal din il-laqgħa u, għalhekk, l-istess Segretarju Ġenerali reġa' kiteb lir-rikorrenti u din id-darba għarrfu (ara ittra ddatata 6 ta' Ġunju, 1997 - esebita a *fol. 28) li fis-seduta li kienet inżammet fil-5 ta' Ġunju, 1997* l-istess Bord iddeċieda li jissospendih minn kull attività ta' futbol "skond *rule* 166 (iv) u dan sakemm tidher quddiem il-Bord";

Fit-30 ta' Ġunju, 1997 l-avukati tar-rikorrenti kitbu lill-Avukat Dottor Joseph Mifsud, President tal-Malta Football

Association, biex jilmentaw dwar il-fatt li r-rikorrenti kien ġie sospiż minn kull attività tal-futbol skond ir-regola 166 (iv) ta' l-Istatut u dan sakemm jidher quddiem il-Bord. Huma qalulu li r-rikorrenti kien ġie mgħarraf bis-seduta jumejn qabel u li kien talab li s-seduta ssir ġurnata oħra minħabba li ma setax jattendi għall-istess u talbuh jintervjeni bejn il-partijiet biex din il-pendenza tiġi riżolta u r-rikorrenti "jieħu dak li huwa legalment dovut lilu u in forza ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili", filwaqt li qalu li xtaqu li jiġu nfurmati "kif din is-sitwazzjoni tista' tiġi riżolta fl-aħjar interess ta' kulħadd u b'hekk jiġi evitat li jitkomplew il-proċeduri ġudizzjarji, inkluż li tiġi attakata r-Regola 166 ta' l-Istatut in vista ta' l-import antikostituzzjonali tagħha";

L-Assoċjazzjoni ntimata wieġbet b'ittra ta' l-24 ta' Lulju, 1987 (kopja esebita a fol. 30) u għarrfet lir-rikorrenti li d-deċiżjoni li jiġi sospiż minn kull attività tal-futbol skond ir-regola 166 (iv) tibqa' effettiva sakemm jidher quddiem il-Bord imsemmi wara li hu (ir-rikorrenti) jagħmel talba sabiex jattendi għas-seduta li jmiss. L-Assoċjazzjoni żiedet tgħarrfu li sadanittant jista' jkompli bil-proċeduri fil-Qorti dwar dak li għandu jieħu mingħand Żurrieq FC;

Ikkunsidrat:

Li r-rikorrenti b'din l-istanza qiegħed iressaq ilment kostituzzjonali flimkien ma' wieħed konvenzjonali u dan għaliex, skond is-sottomissjoni tiegħu, l-applikazzjoni tar-*rule* 166 (iv) ta' l-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni intimata, fil-konfront tiegħu, tfisser li d-dritt li huwa għandu għall-aċċess għall-Qorti, għall-adempiment ta' obbligazzjoni ċivili, huwa dipendenti mill-volontà (arbitrarja u mhux soġġetta għal *judicial review*) ta' terzi u, għalhekk, effettivament jiġi li m'għandux dritt ta' aċċess għall-Qorti bi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u

ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Inoltre, huwa jilmenta li jekk jiġi penalizzat minħabba li jkun eżerċita dan id-dritt ta' aċċess jew jekk ikun ser jeżerċitah xorta waħda jkun hemm dan il-ksur tal-preċitati artikoli;

Imbagħad, ir-rikorrenti jgħaddi biex jitlob rimedji, *fosthom dak li l-Qorti tiddikjara r-rule 166 (iv) fuq imsemmija* nulla u bla effett, u jgħid li n-nuqqas li jingħata rimedju jagħti lok 'il quddiem għall-ksur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt fondamentali għall-rimedju f'każ ta' ksur ta' drittijiet fondamentali;

Ikkunsidrat:

L-Assoċjazzjoni intimata ssottomettiet, fost affarijiet oħra, li m'għandhiex *locus standi in giudizio* u, għalhekk, talbet il-liberazzjoni tagħha mill-osservanza tal-ġudizzju;

Din il-Qorti, għalhekk sejra fl-ewwel lok tiddisponi minn din l-eċċezzjoni;

Jingħad li l-abbli difensur tar-rikorrenti, fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, għadda in rassenja l-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq jekk il-privat jistax jiġi azzjonat għall-ksur tad-drittijiet fondamentali. Huwa wera b'mod tassew dott u elokwenti, b'ċitazzjoni kopjuża ta' ġudikati, kif il-Qrati Tagħna evolvew id-dottrina f'din il-materja u waslu biex jaċċettaw li l-privat huwa ukoll azzjonabbli kull meta jaġixxi b'xi kopertura ta' l-istat u jiċċita s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Philip Spiteri** *vs* **Sammy Meilaq**, deċiża fit-8 ta' Marzu, 1995 u dik aktar riċenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Constantino Consiglio** *et vs* **Kav. Joseph N. Tabone** *noe*,

deċiża fil-25 ta' Ġunju, 1996 biex, permezz ta' l-ewwel ġudikat isostni li anke vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja huma azzjonabbli kontra l-individwu *privat* u, permezz *tat-tieni sentenza jenfasizza l-punt* li dan hu hekk sakemm ma jkunx hemm rimedju iehor taht il-liġi ordinarja;

Ghandu jinghad ukoll illi l-abbli difensur ta' l-Assoċjazzjoni intimata, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, ugwalment *dotta u eżawrijenti*, jasal *biex jikkonċedi*, ovvjament fuq l-iskorta tas-sentenzi ċċitati mir-rikorrenti, li l-privat jista' jiġi azzjonat f'kawża ghal-ksur ta' drittijiet fondamentali iżda huwa adamanti li l-Malta Football Association hija assoċjazzjoni hielsa sportiva minghajr ebda konnessjoni reali ma' l-istat;

Din il-Qorti, però, hija tal-fehma li l-każ deċiż mill-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u li huwa ukoll ċitat *fin-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti m'ghandu* jhalli l-ebda dubbju li l-Assoċjazzjoni intimata hija azzjonabbli ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali. Infatti, dan il-każ kien tressaq *kontra taghha u ġie ghad-deċiżjoni quddiem il*-Kummissjoni Ewropeja wara li dan tilef il-kawża fl-Olanda;

*Il-Gvern Olandiż kien iddefenda ruhu bis-sottomissjoni li* dak kien ilment ta' drit privat ghax il-Football Association Olandiża hija assoċjazzjoni privata u indipendenti, u ghalhekk, ma setax jirrigwarda *l-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali. Il*-Kummissjoni ċahdet din l-eċċezzjoni u rriteniet:

*"In the Commission's view it could be argued that the responsibility of the Netherlands Government is engaged to the extent that it is its duty to ensure that the rules adopted, it is true, by a private association, do not run contrary to the*

*provisions of the Convention, in particular where the Netherlands courts have jurisdiction to examine their application (cf. mutatis mutandis Eur. Court of H.R., case of* ***Young & James****, Decision of 25 November, 1980. Series A, Vol. 44, paras. 48 and 49)*";

Jingħad li l-fatt li l-Kummissjoni Ewropeja baqgħet sejra bil-każ (**X** ***vs*** **The Netherlands**, *Decision*, 3.5.1983, No. 9322/81, Vol. 32 p. 188) u ċaħdet id-domanda għaliex dak li allega l-*footballer* professjonali ma kienx jammonta għal *forced or compulsory labour* huwa l-akbar konferma li l-Assoċjazzjoni intimata għandha *locus standi* fil-proċedura odjerna għaliex il-każ kien wieħed li jinvolvi d-*Dutch Football Association* li mhi xejn differenti minnha;

Din il-Qorti, għalhekk, fuq l-istregwa tal-ġudikati tal-Qrati ta' Malta, li ssemmew aktar 'il fuq u anke ta' din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropeja tasal biex tikkonkludi li l-Assoċjazzjoni intimata għandha *locus standi* fil-każ odjern;

Ikkunsidrat:

Li r-rikorrenti, kif ingħad, qiegħed jilmenta d-dritt tiegħu għall-aċċess għall-Qorti għall-adempiment ta' obbligazzjoni ċivili huwa dipendenti mill-volontà ta' l-Assoċjazzjoni ntimata, li huwa jgħid li hija arbitrarja u mhux soġġetta għal *judicial review* u, għalhekk, dan jikkostitwixxi ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikou 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Huwa jiċċita in sostenn ta' dan ir-*rule* 166 (iv) ta' l-Istatut ta' l-Assoċjazzjoni li jgħid testwalment dan:

*"No person who in any manner whatsoever falls under the*

*jurisdiction of this Assocation, may initiate any legal proceedings on matters relating to football or arising therefrom or connected therewith without the preventive permission of the Council*", kif ukoll ir-*rule* 166 (ii) li tgħid: "*Offenders against this Rule shall cease to belong to this Association*";

Minħabba dawn ir-*rules*, ir-rikorrenti jsostni li qiegħed jiġi minaċċjat illi jitlef l-istat tiegħu ta' *footballer* professjonali għaliex eżerċita d-dritt fondamentali tiegħu li jadixxi l-Qrati liberament għat-tutela tad-drittijiet ċivili u kuntrattwali tiegħu u dan it-telfien ta' l-istat professjonali jimporta għalih it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' servizzi bi qligħ li għandu mal-*Club* tiegħu u jġib miegħu ukoll l-impossibbilità li qatt jerġa' jidħol f'kuntratt ta' servizz bi qligħ ma' entitajiet oħra;

Issa, dawn huma lanjanzi peżanti; iżda, kif huwa risaput, f'materja ta' ksur kostituzzjonali u/jew konvenzjonali l-lanjanzi ma għandhomx jibqgħu *in abstracto* imma jridu jirriżultaw *in concreto*;

Għalhekk, il-Qorti sejra teżamina r-riżultanti proċesswali biex tkun tista' tasal għall-akkoljiment jew ċaħda tal-lanjanzi tar-rikorrenti skond il-każ;

Jingħad fl-ewwel lok, illi r-*rule* 166 (ii) li r-rikorrenti qiegħed jikkonsidra bħala offensiva m'għandha x'taqsam xejn mar-*rule* 166 (v) li huwa qiegħed jitlob li tiġi annullata. Din ir-*rule* 166 (ii), kif jidher mit-test ta' l-Istatut (dok. K3 esebit a fol. 15), ovvjament qiegħda tirreferi għar-*rule* 166 (i) li tgħid hekk:

"*All Clubs and players and officials thereof are precluded from taking legal action against a decision of the Council or an Official without the written permission of the Council*";

Il-kawża li ntavola r-rikorrenti b'suċċess kienet kontra l-*Club* biex dan ihallsu ghas-servizzi tieghu. Ghalhekk, huwa ċar li din ir-*rule* 166 (ii) m'ghandha l-ebda rilevanza ghall-każ odjern u l-Qorti ghandha tahseb li r-referenza ghal din ir-regola saret bi żvista. Kwindi, l-lanjanza dwar il-minaċċja ta' tkeċċija bil-konsegwenti telfien ta' l-istatus professjonali tar-rikorrenti b'dak kollu li dan iġib mieghu hija ghal kollox infondata ghaliex mhux biss ma teżistix *in abstracto* iżda lanqas ma teżisti *in concreto*;

Fir-rigward tad-dritt ta' aċċess ghall-Qorti, mhux biss ma rriżultax li r-*rule* 166 (iv) ma kinitx ta' ostakolu ghall-aċċess ghall-Qorti, talli jirriżulta li l-kawża li r-rikorrenti ghamel kontra l-*Club* tieghu ġiet deċiża b'eżitu favorevoli ghalih wara li naturalment, il-Qorti ddeterminat l-obbligi ċivili tieghu fil-konfront ta' dawk tal-*Club*;

Jirriżulta ukoll li mhux biss l-Assoċjazzjoni ntimata ma ostakolatx lir-rikorrenti fil-prosegwiment tal-kawża ghall-adempiment ta' l-obbligi ċivili, talli l-ewwel ittra li baghtet lir-rikorrenti fuq il-każ tieghu hija ddatata 31 ta' Mejju, 1997, *jiġifieri sew wara li l-kawża kienet deċiża fis-7 ta' April, 1997.* U biex tnehhi kull dubbju li ma *kinitx* qieghda tostakolah, l-Assoċjazzjoni hadet l-okkażjoni, wara li kienet irċeviet l-ittra ta' l-avukati tar-rikorrenti biex Dr. Mifsud jintervjeni halli tinstab soluzzjoni, biex tgharraf lill-istess rikorrenti li seta' jkompli bil-proċeduri fil-konfront tal-*Club*. Ghalhekk, ir-rikorrenti seta' liberament jiehu l-passi kollha legali biex *jesegwixxi s-sentenza fil-konfront tal-Club minghajr il-biża' ta'* xi azzjoni mill-Assoċjazzjoni. Altru milli l-allegat ostakolu *biex* huwa jirrikorri lejn il-Qorti biex jiehu d-drittijiet tieghu fil-konfront tal-*Club* affiljat ma' l-Assoċjazzjoni;

Jinghad, però, li r-rikorrenti qieghed jillanja ukoll illi anke

l-possibbilità li jiġi penalizzat fil-futur minħabba li eżerċita d-dritt li jmur il-Qorti tkun tfisser li d-dritt tiegħu sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jkun qiegħed jiġi menomat u, għalhekk, tali menomazzjoni tikkostitwixxi ksur ta' l-imsemmijin artikoli. L-istess rikorrenti jmur oltre billi jgħid li jekk ma jingħatax rimedju kontra dan l-allegat ksur aktar 'il quddiem jista' jissussisti ksur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt fondamentali għal rimedju f'każ ta' ksur tad-drittijiet fondamentali;

Apparti l-fatt li, kif jirriżulta mill-ittra ta' l-Assoċjazzjoni li ssemmiet aktar 'il fuq, ma tantx jidher li din ser tieħu xi passi drastiċi kontra r-rikorrenti wara li hi stess tatu l-*via libera* biex jesegwixxi t-titolu esekuttiv li għandu kontra l-*Club*, il-Qorti sejra *xorta waħda tikkunsidra din l-aħħar lanjanza tar-rikorrenti* bl-attenzjoni li jixirqilha;

Ikkunsidrat:

Li huwa l-każ li hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (per Mamo, Montanaro Gauci u Harding), fl-ismijiet **Robert Borg Olivier** ***et noe vs*** **Lawrence Farrugia M.B.E.** ***et noe***, deċiża fis-17 ta' Marzu, 1958 (Vol. XLII.I.115);

Fl-imsemmija kawża, il-*Club* tal-Futbol tal-Belt Valletta kien ħarrek lill-Assoċjazzjoni ntimata quddiem din il-Qorti u talabha li tiddikjara li l-azzjoni proposta kontra tagħhom mill-Assoċjazzjoni b'ittra tas-27 ta' Settembru, 1957, kienet nulla billi kienet teżorbita mill-awtorità konferita skond ir-regolamenti magħrufa bħala *Rules of the Malta Football Association* u, kwindi, kienet *ultra vires*;

L-Assoċjazzjoni intimata kienet eċċepiet, fil-meritu, li d-domanda kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-azzjoni meħuda mill-Kunsill kontra s-soċjetà attriċi kienet in konformità mar-Regolamenti ta' l-imsemmija Assoċjazzjoni u *intra vires*;

L-Assoċjazzjoni intimata kienet eċċepiet, fil-meritu, li d-domanda kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-azzjoni meħuda mill-Kunsill kontra s-soċjetà attriċi kienet in konformità mar-Regolamenti ta' l-imsemmija Assoċjazzjoni u *intra vires*;

Din il-Qorti laqgħet it-talba u fis-sentenza tagħha qalet dan fir-rigward tar-*Rules* ta' l-Assoċjazzjoni:

"Illi jingħad qabel xejn, in teżi ġenerali, li ma għandux jiġi minsi l-fatt li assoċjazzjonijiet bħal din ta' l-M.F.A. jikkoeżistu in kwantu l-assoċjati jagħmlu bejniethom patt soċjali, sew meta *jiġu ffurmati sew meta jkunu ġà ffurmati u jammettu membri*, li bih huma vinkolati s-soċi kollha għall-eżistenza ta' l-istess assoċjazzjonijiet ta' din in-natura u karatteristika, kif ukoll għall-aħjar eżerċizzju u operazzjoni tagħhom. Ir-regolamenti, regoli eċċ., li l-assoċjati jiffurmaw jew le, skond il-każ, u jaderixxu għalihom, huma liġi bejniethom. Jekk, kwindi, dawn ir-regoli, regolamenti, *bye-laws*, li jkunu jivvinkolaw l-assoċjati mhumiex limitati fl-ispazju, skond il-prinċipji ġenerali ġuridiċi, l-istess jibqgħu vinkolanti għal min ikun assoġġetta ruħu għalihom volontarjament bl-ammissjoni f'dik l-assoċjazzjoni;

Illi, stabbilit dan il-prinċipju fuq premess, jiġi kkunsidrat ukoll li *r-regolamenti ta' kwalunkwe assoċjazzjoni tan-natura* fuq speċifikata, u kwindi anke dawk ta' l-M.F.A., bħall-istess disposizzjonijiet tal-liġi posittiva, iridu jiġu, għall-aħjar ermenewtika tagħhom, ikkunsidrati fil-kumpless tagħhom u fl-

isfond tar-raġuni tal-formazzjoni ta' l-istess assoċjazzjoni. Infatti, l-konkordanza ta' l-istess regolamenti, skond il-liġi naturali u ġuridika, issaħħaħ ir-raġuni tal-liġi formulata għall-eżistenza ta' l-assoċjazzjoni u l-iskop li għalih hija tkun ġiet iffurmata";

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonfermat b'approvazzjoni u meta ġiet biex tikkunsidra l-ewwel gravam ta' l-Assoċjazzjoni appellanti, li kien jikkonsisti fis-sottomissjoni li l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza kellha tiddeċidi biss jekk il-Kunsill tal-Malta Football Association kellux jew le d-dritt li joħroġ iċ-*charge* u li, konsegwentement, ma kellhiex tiddeċidi, kif għamlet, il-meritu ta' dak iċ-*charge*, l-istess Onorabbli Qorti qalet li dan ma kienx aċċettabbli:

"Kien loġiku", kompliet tgħid l-Onorabbli Qorti, "li biex jiġi aċċertat il-punt ta' ġurisdizzjoni, jiġu mill-Qorti appurati l-fatti tal-każ, għaliex il-kwistjoni ma kinitx astratta u akkademika, imma kienet korrelatata għal dak il-fattispeċje";

L-istess Onorabbli Qorti kompliet hekk:

"Anke jekk, kif jgħidu l-konvenuti *nomine* (l-M.F.A.), il-permess (fol. 8) hu limitat, u jekk kif komplew isostnu, l-atturi ħarġu mil-limiti tiegħu fiċ-ċitazzjoni li għamlu, dan jista' se mai, iġib biss għall-konsegwenza dixxiplinari li tinsab ikkontemplata espressament fit-tieni paragrafu tar-regolament nru. 17 tar-*rules* ta' l-imsemmija "*Association*". Dak is-suppost eċċess ta' l-atturi *nomine* qatt ma seta' jġib il-konsegwenza li jipprivа lill-istess atturi milli jirrikorru lill-Qrati tal-Ġustizzja *bid-dritt li għandu kull ċittadin in forza tal-massima ubi jus ibi remedium*;

U fir-rigward tar-*rule* 167 (1) li tgħid:

*"The Council shall be the only competent authority to interpret the Rules of the Association"*, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet dan: "Jista' talvolta jingħad li skond ir-reg. 27 (167 (1) tal-lum), il-Kunsill hu l-uniku awtorità kompetenti għall-interpretazzjoni tar-*rules*, *iżda kull objezzjoni simili hi superata* bir-rifless li dak ir-regolament jopera sakemm il-każ ma jiġix sottomess għad-deċiżjoni ta' l-Awtorità Ġudizzjarja";

Minn dan kollu jitnizzel li mhux korrett dak li qal ir-rikorrenti fl-att promotrju tiegħu fis-sens li l-permess ikkontemplat fir-*rule* 166 (iv) jiddependi mill-volontà arbitrarja tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni li, di più mhix soġġetta għal *judical review*. L-imsemmija sentenza tagħmilha ċara li kull assoċjat ta' l-M.F.A. għandu dritt jirrikori lejn il-Qorti biex din tagħti l-ġudizzju tagħha dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lir-*rules* u, għalhekk, l-aħħar kelma dwar jekk għandux jingħata permess taħt ir-*rule* 166 (iv) tispetta lill-Awtorità Ġudizzjarja u mhux lill-Kunsill għaliex *ubi jus ibi remedium*;

Kwindi, jekk ir-rikorrenti jrid jikkontesta s-sospensjoni tiegħu, deċiża mill-Bord imsemmi, kif ingħad, huwa jista' jirrikorri lejn il-Qorti biex jitlob rimedju. Anke jekk, meta jiddeċidi li jidher quddiem l-istess Bord, huwa jiġi ddixxiplinat huwa jkun jista' jagħmel dan ukoll;

Konsegwenza ta' din is-sindikabilità tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina, mhux il-każ li r-rikorrenti jingħata, kif qiegħed jitlob, rimedju biex ma jkunx hemm ksur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni għaliex huwa jista' jitlob rimedju mill-Qorti Ordinarja għal kull eventwali deċiżjoni li tista' tittieħed fil-konfront tiegħu mill-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina ta' l-Assoċjazzjoni intimata;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad it-talba tar-rikorrenti; bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---